*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 15,228, 16 ta' Jannar, 1990*
*Taqsima C*

# Nru. 116

16. 1. 90

# MALTA

## KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Michael Falzon, M.P., Ministru għall-Iżvilupp ta' l-Infrastruttura, u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta tal-15 ta' Jannar, 1990.

**ATT biex jemenda l-Att ta' l-1988 dwar il-Professjoni ta' l-Inġinerija.**

P. MUSCAT TERRIBILE
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

## HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable Michael Falzon, M.P., Minister for Development of Infrastructure, and read the First time at the Sitting of the 15th January, 1990.

**AN ACT to emend the Engineering Profession Act, 1988.**

P. MUSCAT TERRIBILE
*Clerk to the House of Representatives*

## ABBOZZ TA' LIĠI
msejjaħ

*ATT biex jemenda l-Att ta' l-1988 dwar il-Professjoni ta' l-Inġinerija.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

**1.** (1) Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1990 li jemenda l-Att dwar il-Professjoni ta' l-Inġinerija, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1988 dwar il-Professjoni ta' l-Inġinerija, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ. Att Nru. VII ta' l-1988.

(2) Dan l-Att għandu jitqies li beda jseħħ fit-22 ta' Frar, 1988.

**2.** L-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali.

(a) it-tieni proviso għas-subartikolu (1) tiegħu għandu jitħassar; u

(b) minflok il-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (2) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(ċ) Sa dak iż-żmien li l-Ministru jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta, il-paragrafu (b) u (ċ) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ma għandhomx ikunu fis-seħħ, u l- Ministru jaħtar sitt membri tal-Bord minn fost persuni li fl-opinjoni tiegħu jkunu jikkwalifikaw għall-*Warrant*. Dawk il-membri

jżommu l-kariga tagħhom għal żmien ta' mhux iżjed minn sena u jkunu eliġibbli għall-ħatra mill-ġdid.".

---

## Għanijiet u Raġunijiet

L-Għan ta' l-Abbozz huwa sabiex jagħmilha ħaġa possibli li ssir il-ħatra mill-Ministru tal-membri tal-Bord ta' l-Inġinerija, sakemm ikun possibli li jinħatru membri fil-bord li jkunu detenturi ta' *Warrant* skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att prinċipali.

**A BILL**
**entitled**

*AN ACT to amend the Engineering Profession Act, 1988.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:—

Short title and commencement. Act No. VII of 1988.

**1.** (1) This Act may be cited as the Engineering Profession (Amendment) Act, 1990, and shall be read and construed as one with the Engineering Profession Act, 1988, hereinafter refered to as "the principal Act".

(2) This Act shall be deemed to have come into force on the 22nd February, 1988.

Amendment of section 6 of the principal Act.

**2.** Section 6 of the principal Act shall be amended as follows:

(a) the second proviso to subsection (1) thereof shall be deleted; and

(b) for paragraph (c) of subsection (2) thereof, there shall be substituted the following:

"(c) Until such time as the Minister may by notice in the Gazette establish, paragraphs (b) and (c) of subsection (1) of this section shall not be in force, and the Minister shall appoint six members of the Board from among persons who in his opinion qualify for the warrant. Such members shall hold

office for a period not exceeding one year and shall be eligible for reappointment.".

---

## Objects and Reasons

The Object of the Bill is to make possible the appointment of the members of the Engineering Board by the Minister, until it is possible to have members elected to the board by warrant holders in accordance with the provisions of the principal Act.